MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 353/2004

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu jippremetti: li l-kontendenti zzewgu fl-24 ta’ April 1986 u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, Glenn, Charlene u Eldon [li llum l-ahhar wiehed biss huwa minuri]; li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja lejn l-attur ta’ sevizzi, eccessi u ngurji gravi, u adulterju, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort unikament tal-konvenuta; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni ta’ din il-Qorti sabiex jipprocedi b’ din l-istanza; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenuta; [2] tafda l-kura u kustodja tat-tfal minuri f’ idejn l-attur; [3] tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kontemplati fl-artikoli 48 u 51 tal-Kap.16; [4] talloka id-dar

matrimonjali biex jghix fiha l-attur ma' uliedu ad eskluzzjoni tal-konvenuta; [5] tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti kollha favur l-attur; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet li, filwaqt li taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda bi htija ta' l-attur li rrenda ruhu hati ta' vjolenza, eccessi, sevizzi, theddid u ngurji gravi kontra l-konvenuta;

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenuta rikonvenjonanti u li tinsab inserita fil-process a fols. 66 sa 67 u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-attur rikonvenzjonat u li kopja taghha qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici B];

Rat ir-rapport[1] tal-perit legali l-Avukat Dottor Richard Sladden;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, l-affidavits u d-dokumenti prezentati, u n-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-Talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu l-konvenuta, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, attribwibbli unikament lill-konvenuta li, minn naha taghha, fil-kontro-talba taghha qeda tattribwixxi l-htija lill-attur ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 fuq citat. Il-partijiet qed jitolbu

[1] Vol.2 – fol.338

wkoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fl-24 ta’ April 1986, meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 17-il sena, u wara li dina kienet harget tqila.

Fl-ewwel sena u nofs tal-konvivenza matrimonjali l-partijiet ghexu mal-genituri tal-konvenuta li kienu jhallsuhom kollox, stante li dak iz-zmien l-attur ma kienx jahdem; izda wara li dan sab impieg regolari huma marru joqghodu ghar-rashom fil-fond li, ghalkemm jidher li kienet f’ idejn l-Awtorita’ tad-Djar, jappartjeni lill-familja ta’ omm il-konvenuta. Huma kienu jhallsu kera ta’ LM5 fix-xahar.

Matul il-konvivenza twieldu t-tlett itfal tal-partijiet: Glenn, Charlene u Eldon, rispettivament fit-28 ta’ Ottubru 1986, fl-4 ta’ Novembru 1990 u fil-5 ta’ Jannar 2000, u li ghalhekk illum, l-ahhar wild biss huwa minorenni.

Rizultat ta’ l-inkwiet matrimonjali, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali bl-ahhar zewg ulied, filwaqt li t-tifel il-kbir baqa’ jghix mal-missier. Dan kien lejn l-ahhar ta’ Frar 2004. In fatti fix-xhieda taghha l-konvenuta tghid li “Fi Frar 2004 zewgi telaq ghand ommu [fejn dam hames[2] gimghat] u mbaghad rega’ gie lura u jien tlaqt.”[3]

Illi sussegwentement il-konvenuta weldet tarbija ohra f’ Jannar 2005 minn relazzjoni li kellha ma’ “RC” identifikata b’ ismu fil-process.

*Verzjoni Attur*
L-attur jghid li, wara circa sena u nofs jghixu mal-genituri tal-konvenuta, il-partijiet krew post li kellu biss hitan, u li ghalhekk hu ghamel hafna xoghol fih biex irrendih abitabbli.

[2] Vol.1 – fol.79 Fl-affidavit tieghu l-attur jghid li hu kien dam ghand il-genituri tieghu circa tlett gimghat. [fol.59]
[3] Vol.1 – fol.177

Jghid li matul il-parti l-kbira tal-konvivenza matrimonjali, il-partijiet kienu qed jghixu hajja normali u kienu kuntenti. Minn naha tieghu huwa kien ragel tal-familja u "qatt ma kellna xi argumenti serji jew xi tip ta' glied, dejjem nafna kuntenti bhal familji normali ohra."[4]

L-inkwiet beda fis-sena 2003, partikolarment fix-xahar ta' Dicembru meta l-konvenuta bdiet tahdem. Jghid li minn Jannar 2004 il-komportament tal-konvenuta tbiddel radikalment, fis-sens li din kienet tkun dejjem irrabbjata. Huwa kien ipprova jipperswadiha sabiex imorru ghat-terapija tal-familja, izda l-konvenuta kienet irrifjutat li tmur. Kien hemm perijodu meta, minhabba l-inkwiet ta' bejniethom, l-attur mar jghix ghand ommu, izda wara tlett gimghat ried li jirritorna lura d-dar mal-konvenuta. Kien f' dan il-perijodu li hi kienet qaltlu li kellha ragel iehor. Meta l-attur mar lura d-dar, huwa ma sabx lil martu, u sussegwentement skopra li dina kienet telqet mid-dar konjugali biz-zewg ulied minuri.

Fil-kontro-ezami, l-attur jaccetta li matul l-gherusija huma kien ikollhom diversi argumenti, izda jichad li qatt sawwat lill-konvenuta jew lill-genituri taghha, u senjatament jichad li f' argument huwa kien tefa' mejda u laqghat lil missier il-konvenuta.

Jichad li huwa kellu problema ta' l-alkohol u li kien jidhol id-dar fis-sakra; u jsostni dan bil-fatt li huwa kien jahdem bis-shifts u ghalhekk ma setghax kellu hin biex joqghod jixrob. Jghid pero' li gieghli kien jiehu zewgt ifliexken birra. Jichad li kien ha xi droga, hlief li meta kien zghir kien pejjep il-haxixa.

L-attur jghid li z-zwieg bejn il-partjiet tkisser unikament minhabba r-relazzjoni li martu kellha, u ghad ghandha ma' RC, u li minnu ghandha tarbija. Jghid li martu qatt ma riedet tipprova tirranga z-zwieg taghhom.

*Verzjoni Konvenuta*

[4] Vol.1 – fol.58

Il-konvenuta tghid li sa minn qabel iz-zwieg l-attur kien jabbuza mix-xorb alkoholiku u kagun t’ hekk kien ikun agressiv u vjolenti. “Sa mill-bidu nett huwa kien jixrob u kien jiggieled mieghi u sahansitra kien ikun irid jaqbad jaghtini.”[5] Tghid ukoll li l-attur kien “jiffrekwenta d-droga ma’ shabu”.

Tghid li kemm-il darba kellu xi jghid mal-genituri taghha, u tirrakkonta ncident fejn l-attur kien gholla mejda u laqghat lil missierha f’ rasu. Kien f’ dan iz-zmien, meta allura l-attur ma kienx jikellem lil genituri taghha, peress li kien miggieled maghhom, li l-konvenuta harget tqila, u tghid “sabni ghadni zghira, harigni tqila, u dan biss biex jimpika ma’ ommi u missieri.”[6]

Dak iz-zmien il-konvenuta kellha 17-il sena. Tenut kont ta’ l-istat taghha, il-partijiet iddecidew li jizzewgu, u l-genituri taghha hallsu ghal kollox, u inoltre fl-ewwel sena u nofs taz-zwieg accettaw li jospitawhom fid-dar taghhom, peress li l-attur ma kienx jahdem, u allura l-partijiet kienu jghixu bl-ghajnuna finanzjarja tal-genituri taghha. Izda, anke f’ dan iz-zmien l-attur kien jkollu kwistjonijiet mal-girien.

Wara li l-attur sab impieg mal-ST Elecronics [gja SGS] huma marru joqghodu f’ post, hdejn il-hanut tal-genituri tal-konvenuta, u li jappartjeni lill-familjari ta’ ommha, bil-kera ta’ LM5 fix-xahar; filwaqt li l-genituri taghha xtrawlhom l-ghamara kollha.

Fid-dar matrimonjali l-glied bejn il-partijiet kompla, u kien kontinwu, u dan meta l-attur kien jabbuza mill-alkohol u kien allura jaghmel xenati quddiem it-tfal u jwerwirhom, tant, li ommha, meta kienet tisma’ il-glied, kienet tigi biex tiehu t-tfal biex tevita li dawn jassistu ghall-komportament abuziv ta’ missierhom.

Il-konvenuta tghid li zewgha kien ghajjur hafna ghaliha, u kien qed jffissa li martu kienet qed taqlibilu; dan kien fonti

[5] Vol.1 – fol.78
[6] Vol.1 – fol.78

ta' hafna nkwiet bejniethom. Kien "jghajjarni li sejra nitqahhab, u kliem bhal dawn."[7]

Tispjega li minhabba l-attitudini vjolenta ta' l-attur ir-relazzjoni "bdiet dejjem sejra ghal-aghar" u li, ghalkemm baqghu jghixu that l-istess saqaf, il-komunikazzjoni bejniethom kienet spiccat. Eventwalment bejn Jannar u Frar 2004 "gejt mgieghla nahrab minnu wara li l-attur hedded li ghal darb' ohra kien ser isawwatni ….. Ghalhekk sabiex nevita aktar swat lili, kif ukoll lil uliedi, ma kellhix alternattiva ohra hlief li nahrab mid-dar matrimonjali qabel ma jirritorna A."[8]

Il-konvenuta tammetti li hi ghandha tifel barra z-zwieg li twieled f' Jannar 2005 minn relazzjoni ma' RC li bdiet xahar qabel ma harget tqila minn dan ir-ragel.

Fil-kontro-ezami tispjega li hi ma kinitx taghmel rapporti lill-pulizija ghax "ridt inzomm kollox privat."[9] Tghid li kienet irrifjutat li tmur ghand counsellor, peress "zewgi kien salvagg mieghi." Minn naha l-ohra, hi qatt ma kienet vjolenti ma' l-attur jew hebbet ghalih.

Il-konvenuta tghid li meta hi allontanat ruhha mid-dar konjugali, l-attur ma kien jikkontribwixxi xejn ghal-manteniment tat-tfal minuri, "izda mbaghad beda jaghtini LM60 fix-xahar wara hafna glied ….. wara diversi xhur."[10] Izda meta giet murija id-dokumenti AA1[11] sa AA10 hija pprecizat li "kien jaghtini flus pero' bil-glied."

Illi dwar il-komportament ta' l-attur matul il-konvivenza, xehedu ukoll Jason Gatt favur il-verzjoni ta' l-attur, u xehdet ukoll, fid-dettal, Rose Marie Camilleri, omm il-konvenuta.[12]

---

[7] Vol.1 – fol.79
[8] Vol.1 – fol.79
[9] Vol.1 – fol.175
[10] Vol.2 – fol.240
[11] Vol.1 – fols.261 *et seq.*
[12] Jigi osservat li l-konvenuta prezentat affidavit tat-tifla Charlene meta dina kien ghad kellha 14-il sena, u li ghalhekk kien gie sfilzat mill-Qorti. Din il-Qorti ghalhekk ma haditx konjizzjoni tieghu.

Jason Gatt, fix-xhieda tieghu jghid li huwa kien sar jaf lill-attur fuq ix-xoghol, u li hu u martu kienu johorgu mal-partijiet. Jaf lill-attur bhala ragel tal-familja, li hu kien jara lill-partijiet bhala koppja normali. Qatt ma ra vjolenza bejniethom, izda meta kien id-dar taghhom gieli rawhom jargumentaw. Jghid li meta l-konvenuta telqet mid-dar, l-attur "kien imkisser u kien jibki hafna."[13] Jghid li kien irceva sms minghand il-konvenuta fejn kienet qaltlu biex hu jiehu hsieb lill-attur u johorgu sabiex iderri.

Rose Marie Camilleri[14] fl-affidavit dettaljat taghha tikkonferma in sustanza l-verzjoni tal-konvenuta, partikolarment dwar il-komportament litigjuz u aggressiv ta' l-attur meta dana jixrob. Dan il-komportament ta' l-attur kien diga' manifest qabel iz-zwieg, u ghalhekk iz-zewg genituri ma riedux li l-konvenuta tkompli bir-relazzjoni. Di fatti wara l-incident tal-mejda, huma ma kienux ikellmu lill-attur, u eventwalment lanqas lill-konvenuta; izda dina, f' dan iz-zmien kienet harget tqila, u ghalhekk l-istampa nbiddlet. Huma kellhom jaccettaw is-sitwazzjoni gdida ta' binthom, u ghamlu minn kollox sabiex din tkun tista' tizzewweg. Di fatti huma kienu hallsulhom kollhox u kienu wkoll ospitawhom fid-dar taghhom ghall-ewwel sena u nofs taz-zwieg.

Hija tikkonferma li mill-bidu taz-zwieg, meta allura l-partijiet kienu ghadhom jghixu maghhom, dawn kienu jiggieldu ta' spiss, partikolarment meta l-attur ikun xorob. L-attur kellu attitudini vjolenti u kienet taqbizlu malajr u jaqbad jirrabja.

Tghid: "Sa mill-bidu li zzewgu A u C kienu spiss jiggieldu. Huma kienu jidhlu f' kamarthom u dejjem jargumentaw."

Meta eventwalment l-attur sab impieg, huma krewlhom dar vicin il-hanut taghha u ta' zewgha; u, anke minn hemm ta' spiss kienu jisimghuhom jiggieldu bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

---

[13] Vol.1 – fol.171
[14] Vol.1 – fol. 93

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-verzjoni ta’ l-attur issib certu grad ta’ konfort fix-xhieda tal-habib tieghu Jason Gatt, il-verzjoni tal-konvenuta issib grad qawwi ta’ konfort u ta’ korroborazzjoni fl-affidavit dettaljat ta’ ommha li maghha l-partijiet kienu ghexu ghal certu zmien.

Illi, kif ukoll sottomess mill-perit legali, dan iz-zwieg ma messu sar qatt; sar biss ghax il-konvenuta, allura 17-il sena kienet harget tqila mill-attur, u l-partijiet ma kienux draw lil xulxin; sar kontra l-parir tal-genituri taghha li, sa minn qabel iz-zwieg kienu wkoll jafu bil-karattru litigjuz u okkazzjonalment vjolenti ta’ l-attur, izda l-konvenuta ppersistiet fir-relazzjoni u zzewweg lill-attur.

Illi kif mistenni l-komportament litigujzu u okkazzjonalment vjolenti ta’ l-attur ippersista anke waqt iz-zwieg, tant li l-konvenuta ma kinitx kuntenta mieghu. Izda, ghalkemm il-konvenuta tghid li huwa kien jerfa’ jdejh fuqha, dan il-fatt, apparti milli gie michud mill-attur, ma giex provat sodisfacentement.

Illi fi Frar 2004 il-konvenuta telqet mid-dar konjugali biz-zewgt itfal zghar; u minn relazzjoni li kellha ma’ RC hija weldet tarbija ohra f’ Jannar 2005.

Illi l-vicinanza fiz-zmien bejn, iz-zmien tat-twelid ta’ din it-tarbija maz-zmien li fih il-konvenuta tleqet mid-dar konjugali, fil-fehema tal-Qorti jaghti konfort lit-tezi ta’ l-attur li r-raguni prinicipali li ghaliha l-konvenuta wasslet sabiex titlaq mid-dar konjugali kienet ir-relazzjoni li kellha ma’ RC.

Izda, ghalkemm huwa minnu li l-konvenuta kienet imdejqa fil-konvivenza matrimonjali, anke minhabba l-agir abuziv da parti ta’ zewgha, il-Qorti pero’ hija tal-fehema li l-kawza principali tat-tkissier irrimedjabbli ta’ dan iz-zwieg kienet ir-relazzjoni adulteruza da parti tal-konvenuta li kompliet tikkber bit-twelid ta’ tarbija, filwaqt li l-komportament ta’ l-attur kien il-kawza sekondarja.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li jirrizulta sodisfacentement provat li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dan principalment tort tar-relazzjoni adulteruza  da parti tal-konvenuta, u sekondarjament minhabba l-komportament abuziv ta’ l-attur li, abitwali u ripetut, jikkwalifika bhala ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16

**Kura u Kustodja**

Illi din il-Qorti, tenut kont ta’ l-interessi primarji tal-minuri Eldon li dejjem kien fil-kura tal-konvenuta, jiddettaw li dan jibqa’ jghix ma’ ommu bl-ghajnuna tan-nanna materna fejn hemm bzonn.

Ghalhekk tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Eldon tigi fdata f’ idejn l-omm, bl-access favur il-missier darbtejn matul il-gimgha, saghtejn kull darba, u darba fil-weekend, Sibt/Hadd, b’ mod alternat mid-9.30 am sas-7.00 pm.

Inoltre, il-hinijiet u granet ta’ l-access ta’ matul il-gimgha, ghandhom jigu mifthema bejn il-partijiet fl-ahjar interess tal-minuri; u fin-nuqqas, il-Qorti, jekk invokata, tinnomina social worker, a spejjez taz-zewg partijet, sabiex tiffissa din il-modalita’.

**Dar Matrimonjali**

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, partikolarment, tenut kont tal-fatt li l-inkwilinat fuq dan il-fond gie akkwistat wara z-zwieg, kif ukoll tenut kont tal-fatt li jirrizulta nkontestat li l-attur ghamel hafna xogholijiet fil-fond li kien iservi bhala d-dar matrimonjali tal-partijiet, ukoll tenut kont tal-fatt li llum il-konvenuta ghandha post alternattiv fejn toqghod, u in fine, u b’ izjed qawwa, tenut kont tal-fatt tar-relazzjoni adulterjuza da parti tal-konvenuta, il-Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 55A Kap.16, tawtorizza lill-attur jibqa’ jghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenuta.

In propozitu jigi osservat li l-pretensjoni tal-konvenuta ta’ kumpens ghall-kera oghla mhallsa minnha wara li hi telqet mid-dar konjugali, hija nsostenibbli fattwalment u legalment, tenut kont tal-fatt li meta telqet mid-dar hi ittratjeniet relazzjoni adulteruza, u anke tenut kont tal-fatt li

sa dak iz-zmien il-komunjoni ta’ l-akkwisti kienet ghadha vigenti.

**Mantenimnent**

Illi, tenut kont tal-fatt li l-konvenuta ttrattjeniet relazzjoni adulteruza, tant li ghandha tarbija minn din ir-relazzjoni, hija ghandha tigi meqjusa bhala li ddekadiet mid-dritt taghha milli tircevi manteniment, u ghalhekk din il-parti tat-talba taghha qed tigi michuda.

Illi in kwantu ghat-tifel Eldon, li fil-prezent ghandu ghaxar [10] snin, il-Qorti, tenut kont tal-mezzi ta’ l-attur kif ukoll tal-possibilita’ tal-konvenuta, li llum ghandha circa 40 sena, li tiggenera ntrojtu, tikkonsidera gust u xieraq li l-kontirbut ta’ l-attur ghall-manteniment ta’ dan il-minuri jkun fl-ammont ta’ mija u sittin ewro [€160] kull xahar, oltre nofs l-ispejjez relatati ma’ l-edukazzjoni tal-minuri [inkluzi spejjez ta’ trasport, uniformi, kotba, stationery u oggetti necessarji ghal-edukazzjoni tat-tifel], u nofs dawk relatati mas-sahha tal-minuri - kollox kontra d-debiti ricevuti jew fatturi.

Dan l-ammont ghandu joghla kull sena skond l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali tal-gvern

Dan il-manteniment jieqaf meta l-minuri jaghlaq it-tmientax [18]-il sena, jew, jekk wara li jkun ghalaq is-sittax [16]-il sena jkollu xoghol bi dhul regolari u adegwat.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti, fl-inkwilinat tad-dar matrimonjali, l-effetti mobbli li hemm fl-istess dar, u l-vetturi, Hyundai Lantra li qeda fil-pussess tal-konvenuta u Honda Civic li qeda fil-pussess ta’ l-attur.

Illi rigward l-inkwilinat tad-dar, din il-Qorti diga’ ddecidiet li dan ghandu jibqa’ jitgawda mill-attur ad eskluzzjoni tal-konvenuta.

Illi rigward il-vetturi, tordna li l-partijiet izommu l-vetturi rispettivi li fil-prezent jinsabu fil-pussess taghhom, bl-

obbligu li kull parti thallas id-dejn li ghad hemm pendenti fuq il-vettura assenjata lilu.

Illi, rigward l-effetti mobbli, il-Qorti taghmel referenza partikolari ghan-noti guramentati tal-partijiet, ghal-affidavit ta’ omm-il konvenuta u dokumenti ezebiti, u, filwaqt li tordna li kopja tal-lista li tinsab a fol.54 tal-process tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici C], tordna li l-effetti mobbli li jinsabu fid-dar konjugali jigu assenjata bil-mod segwenti:  L-oggetti ndikati taht il-partiti tnejn [2], tlettax [13], hmistax [15] u sittax [16] jigu assenjati lill-konvenuta bhala proprjeta’ dotali jew parafernali taghha;  filwaqt li l-oggetti taht il-partita tlieta [3] jigu assenjati lill-attur bl-obbligu li dan jhallas lill-konvenuta s-somma ta’ hames mitt lira [LM500] maltin.

L-attur qed jinghata l-fakolta’ li jzomm l-imsemmija oggetti, u minflok, ihallas lill-konvenuta l-valuri rispettivi taghhom llum, occorrendo bl-opera ta’ espert li jigi mahtur minn din il-Qorti, a spejjez taz-zewg partijiet.

Illi l-kumplament ta’ l-oggetti ezistenti fl-imsemmi fond, ghandhom jigu valutati u divizi bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali, ukoll, occorrendo bl-opera ta’ espert li jigi mahtur minn din il-Qorti, a spejjez taz-zewg partijiet.

Illi in fine tordna li kwalunkwe dejn iehor li setgha sar minn xi parti, ad insaputa tal-parti l-ohra, ghandu jibqa’ debitu esklussivament dovut minn dik il-parti li tkun ghamlitu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar <u>l-azzjoni</u> billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija, principalment tal-konvenuta, u sekondarjament ta’ l-attur;

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tilqa’ t-tielet talba;

[4] tilqa’ r-raba talba;

[5] tilqa’ l-hames talba billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’.

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens gja fuq deciz;
[2] tilqa' it-tieni talba;
[3] tilqa' it-tielet talba fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja.'
[4] tilqa' ir-raba' talba limitatament, u fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[5] tilqa' il-hames talba fis-sens li tiffissa d-data ta' l-ahhar ta' Frar 2004 bhala d-data tas-separazzjoni personali;
[6] tilqa' is-sitt talba;
[7] tilqa' is-seba', it-tmien, id-disa' u l-ghaxar talbiet limitatament u fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[8] tichad it-talba numru hdax [11];
[9] tilqa' it-talba numru tnax [12] u tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Camilleri'.

L-ispejjez kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba jigu spartiti billi zewg terzi ikunu a kariku tal-konventua, filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] jibqa' a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------